MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 338/2007

**Il-Pulizija**
**(Maggur Saviour Garcia)**
**Vs**

**Sebastian Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-24 t’Ottubru, 2003, u qabel din id-data naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddem mieghu lil Shone (Sic!) Agius.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 t’Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli [recte: regolamenti] 3(a), 4 u 10 tal-A.L. 110/93, sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuza kif dedotta w ikkundannatu multa ta’ hamsin lira Maltin (LM50).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 t'Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata w kwindi tiddikjarah mhux hati tal-akkuza dedotta kontrih u tilliberah minnha w minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti :

1. illi in linea preliminari jinghad illi l-appellant Sebastian Zammit gie akkuzat personalment u dan meta l-forn fejn allegatament kien qed jahdem Shone Agius ma jappartjenix lilu, izda lis-socjeta' Lovis Bakery Ltd. Illi hija l-istess kumpanija li ghandha l-inkarigu li thaddem in-nies fix-xoghol taghha, w mhux l-appellant fil-vesti tieghu personali;
2. illi l-appellant fil-lejl tal-24 t'Ottubru, 2003 u cioe' meta allegatament instab jahdem Shone Agius, lanqas biss kien fil-forn. Ghalhekk zgur li ma kienx huwa lanqas fil-vesti tieghu personali, li nkarigah li jmur jahdem. Dan l-istat ta' fatt huwa kkorroborat mill-istess ufficjali tal-Korporazzjoni;
3. illi kien nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni li ma pproducietx lill-imsemmi Shone Agius meta dan setgha jsir minghajr ebda diffikulta'. Ghalhekk meta l-ufficjali tal-Korporazzjoni ddeponew dwar dak lilhom irraportat mill-imsemmi Shone Agius, l-istess deposizzjoni tammonta ghal *detto del detto* w zgur m'hijiex l-aqwa prova producibbli hekk kif tikkontempla l-ligi;
4. illi lanqas ingiebet prova konkreta li l-imsemmi Shone Agius kien fil-verita' qieghed jahdem bi qliegh dak inhar. Huwa kien semplicement mar ma' habib tieghu li kien imissu xoghol dak il-lejl u kien qieghed jaghtih daqqa t' id waqt li jzommlu l-kumpanija. Fil-fatt l-ebda direttur tas-socjeta' Lovis Bakery Ltd ma gie prodott biex jikkonferma li f'xi stadju kien haddem jew inkariga ghax-xoghol lill-imsemmi Shone Agius.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-lum ta’ Louis Buhagiar, Anthony Cauchi w John Calleja, kollha spetturi tal-ETC.

Peress illi minn din ix-xhieda ma gie stabbilit assolutament b’ebda mod li l-"employer" ta’ Shone Agius kien l-appellant, sia fil-kapacita’ tieghu personali w sia bhala direttur jew ufficjal ta’ xi kumpannija w, jekk stess l-istess Shone Agius u Anthony Falzon li kienu qed jahdmu fil-forn, taw xi informazzjoni lill-Ispetturi tal-ETC , din mhux ammissibbli bhala prova ghax tikkostitwixxi *"hearsay evidence"* u tali informazzjoni kellha tinghata minnhom viva voce quddiem il-Qorti - haga li ma saritx ghax ebda wiehed minn dawn iz-zewg persuni ma gie ngunt bhala xhud f' din il-kawza, l-akkuza manifestament ma tirrizultax pruvata u ghalhekk jidher li l-aggravji kollha tal-appellant huma ben fondati w ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata,  ssib lill-appellant mhux hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu minnhabba nuqqas ta' provi w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------